**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Jannar, 2018

Rikors Nru : 443/17 AL

**AB**

**U**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-partijiet iżżewgu fil-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elf disa` mija hamsa u disghin (1995) u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru tal-licenzja zero, wiehed, tmienja, wiehed, zero, tlieta – (018103) mahrug mid-Dipartiment tas-Sahha mill-Istat tal-Hawaii skont kif jidher mill-estratt tar-rikors ufficjali hawn anness u mmarkat bhala Dok. BJ1.

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Maria Micallef fl-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) hawn anness u mmarkat bhala Dok. BJ 2;

Illi minn dan iz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom erbat itfal EB U PB huma maggiorenni, filwaqt illi VB u LB huma minorenni;

Illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba` (4) snin u dan kif jirrizulta mill-klawsola numru erbatax (14) fl-imsemmi att ta' separazzjoni;

Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li l-ebda manteniment mhu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reciproci dwar manteniment;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il- Qorti :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Novembru 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-14 ta' Gunju 2016 u de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.